Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

Data tal-laqgħa: 14 ta' April 2021

Il-laqgħa tal-lokalità nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Din il-laqgħa ġiet trasmessa *live* fuq l-*internet*. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-pubbliku ma setax jattendi għal-laqgħa però xorta kellu l-opportunità li jipparteċipa u jagħmel l-interventi b'mezzi elettroniċi.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 4.1 Introduzzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għamel l-introduzzjoni tiegħu ta merħba lil kull min qiegħed isegwi l-laqgħa *live*. Is-Sindku qal li din il-laqgħa qed issir *online*, bħala miżura ta' saħħa minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 4.2 Qari tal-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3

4.2.1 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 3 li saret fl-14 ta' Diċembru 2020.

## 4.3 Rapport Finanzjarju 2020

4.3.1 L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa, fejn ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2020.

## 4.4 u 4.5 Pjan ta' Ħidma 2021 – 2025 u Rapport Amministrattiv 2020

4.4.1 Is-Sindku infurma li dawn ir-rapporti mhux ser ikunu qed jinqraw waqt il-laqgħa għax voluminużi u biex jingħata ċans lil dawk kollha preżenti jgħaddu l-mistoqsijiet u s-suġġerimenti tagħhom. Dawn iż-żewġ rapport dettaljati jistgħu jiġu aċċessati direttament mill-*website* tal-Kunsill. Min isib xi diffikultà għandu jagħmel kuntatt mal-Kunsill.

## 4.6 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

4.6.1 Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri stieden lir-residenti li kienu qed isegwu l-laqgħa *live* fuq *Skype* biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

4.6.2.1 ***Park Lane Project***
Ħafna mir-residenti preżenti kellhom ilmenti dwar il-proġett ta' kostruzzjoni propost għal *ex-Dolphin Centre* f'Wied Ħal Balzan.

4.6.2.2 Resident qal li numru ta' residenti esprimew tħassib negattiv fuq dan l-iżvilupp, u staqsa dwar x'jista' jagħmel il-Kunsill biex forsi jkun hemm disinn aħjar peress li se jkun hemm blokka ta' appartamenti u ħwienet li se jġibu influss fil-lokalità.

4.6.2.3 Is-Sindku iċċara li, għalkemm legalment mhux ipprojbit, hu bħala nutar qed jirrifjuta xogħol relatat ma' dan l-iżvilupp la darba għad m'hemmx permess tal-PA u skond xi *stand* se jieħu l-Kunsill għal dan l-iżvilupp. Is-Sindku qal li fuq bażi regolari jkollu numru ta' ilmenti fuq abbużi li qed isiru fil-binja, problema bil-ġrieden u anke persuni jgħixu fil-binja illegalment. Qal ukoll li jekk l-iżvilupp propost jaqa' fil-parametri tal-liġi, ħadd ma jista' jwaqqfu. Infurma wkoll li diġà tkellem mal-iżviluppatur, fejn insista lis-siġar li hemm quddiem il-binja ma jintmessux, kif ukoll talbu jżid kemm jista' jkun il-parkeġġ.

4.6.2.4 Preżenti għal-laqgħa kien hemm membru minn l-NGO 'Flimkien għal Ambjent aħjar', fejn spjegat it-tħassib tagħha għal dan l-iżvilupp. Spjegat li preżentament l-iżvilupp propost huwa għal 5 sulari, però normalment fi proġetti bħal dawn, aktar 'il quddiem jissottomettu emendi biex iżidu s-sulari. Jekk ma tiġix sottomessa oġġezzjoni fil-perjodu tal-bidu, ma tkunx tista' toġġezzjona għall-emendi. U għalhekk ħeġġet lill-Kunsill u anke lir-residenti biex joġġezzjonaw anke per prinċipju. Issemmew numru ta' punti oħra fosthom l-impatt fuq it-traffiku, żieda fit-tniġġis tal-arja, problema tal-parkeġġ u l-impatt soċjali.

4.6.2.5 Kien hemm min irrimarka li f'inqas minn 100m bogħod hemm skola u staqsew dwar x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill fuq dan l-iżvilupp.

4.6.2.6 Is-Sindku qal li meta jkun hemm sapport mir-residenti, u mhux joġġezzjona l-Kunsill waħdu, iktar ikun hemm saħħa. Qal li fil-passat kien hemm każi fejn fil-bidu r-residenti wrew l-entużjażmu u meta ġew biex joġġezzjonaw, tħalla l-Kunsill waħdu. Is-Sindku qal li d-dettalji tal-proġett qed jiġu evalwati minn persuna teknika, u l-Kunsill ser ikun qed jieħu pożizzjoni abbażi tal-parir mill-persuna teknika.

4.6.2.7 Ir-residenti assikuraw li f'dan il-każ mhux ser jiġri hekk u li lesti li jagħtu l-*input* tagħhom biex flimkien mal-Kunsill joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp.

4.6.2.8 Residenta staqsiet jekk l-iżviluppatur ippreżentax *options* oħra għal dan l-iżvilupp. Qalet ukoll li bħala residenti ser ikunu kontra dan l-iżvilupp però hemm bżonn li l-Kunsill jingħaqad magħhom u talbet sabiex il-Kunsill ikun il-koordinatur bejn ir-residenti.

4.6.2.9 Is-Sindku spjega li hu sar jaf dwar min hu l-iżviluppatur minn fuq post fuq Facebook. Qal ukoll li għalkemm għad m'hemmx permessi, diġà hemm numru ta' appartamenti mibjugħin. Jaqbel li hemm bżonn li jinħoloq xi tip ta' *pressure group,* fejn kull min ikun interessat jingħaqad fill-grupp. Residenta infurmat li diġà ġie ikkreat *email address* u anke paġna fuq Facebook *'Save Balzan from Park Lane',* dedikati għal din il-kampanja. Is-Sindku qal li idealment għandu jinżamm mezz wieħed ta' kuntatt, dan biex ikun aktar kontrollabbli peress li kullħadd ikun irreġistrat fl-istess post.

4.6.2.10 Resident semma l-problema ta' *flooding* li kien hemm fiż-żona u staqsa jekk hux qed tiġi ikkunsidrata s-sigurtà tar-residenti f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li WSC qed jaħdmu fuq proġett biex tinbidel is-sistema tad-drenaġġ minn fejn Triq it-Tabib J Zammit sa fejn *Costa Coffee*. Dwar il-*flooding,* is-Sindku qal li bin-NFRP, din il-problema naqset.

4.6.2.11 Resident staqsa jekk tistax issir petizzjoni kontra l-iżvilupp. Il-persuna mill-NGO 'Flimkien għal Ambjent aħjar' spjegat li PA ma tirrikonoxxix petizzjonijiet. PA jirrikonoxxi biss oġġezzjonijiet u kull resident għandu jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu.

4.6.2.12 Resident staqsa dwar x'inhi l-possibbiltà li jkun hemm għajnuna esterna minn organizzazzjonijiet bħal 'Flimkien għal Ambjent aħjar'. Ir-rappreżentanta infurmat li l-irwol tagħhom hu li jiggwidaw lill-pubbliku fil-proċess. Biex dan ikun jista' jsir, ir-residenti jridu jissieħbu bħala membri fl-NGO.

4.6.2.13 Resident qal li hemm bżonn li ssir oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp bl-iktar mod b'saħħtu possibbli u li għandu jkun hemm xi riżorsi allokati sabiex jiġi propost proġett alternattiv.

4.6.2.14 Resident staqsa x'inhu l-pass li jmiss wara din il-laqgħa. Is-Sindku qal li l-aħjar jintuża l-*email group* li diġà ġie ikkreat*,* u kull min jirreġistra jirċievi l-*updates by email.*

4.6.2.15 Ġie nnutat li l-perjodu fejn tista' ssir oġġezzjoni għadu ma bediex, dan il-perjodu jkun ta' 4 ġimgħat minn meta jinfetaħ il-proċess. Sadanittant, la hemm il-pjanti tal-proġett diġà disponibbli, jista' jibda x-xogħol biex tiġi preparata l-ittra tal-oġġezzjoni.

4.6.3.1 <u>Indafa u Bankini</u>
Resident talab biex fejn hu possibbli, boroż tal-iskart jitħallew fuq l-ewwel tarġa minflok fuq il-bankina. Dan peress li l-bankini huma dojoq u bil-boroż qed titnaqqas l-aċċessibilità tal-bankina.

4.6.3.2 Is-Sindku spjega li l-iskart suppost jinġabar minn fuq il-bankina però ser niċċekkjaw mal-kollettur jekk dan ikunx possibbli.

4.6.4 Ma kienx hemm aktar kummenti u suġġerimenti mir-residenti. U għalhekk, is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri għalaq il-laqgħa billi rringrazzja lir-residenti li segwew u pparteċipaw waqt il-laqgħa. Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |